MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 203/2009

**Simon Dalton ID-303572-M**

**vs**

**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Msida**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Marzu 2009 fejn intalab sabiex il-kunsill konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' €1,150.70c (elf mija u hamsin ewro u sebghin centezmu) rapprezentanti valur ta' danni sofferti fil-vettura tal-attur li ggib in-numru ANN 014 per konsegwenza ta' barrier tal-hadid li giet installata mill-istess kunsill gewwa Triq il-Magna tas-Serrar kontra r-regolamenti u mhux skond kif titlob is-sengha u l-arti tant li holqot hazard ghas-sewwieqa u dana kollu kif jidher mir-ritratti esebiti f'Dok SD 1 u Dok SD 2.

Illi dwar dan l-incident kien sar rapport mal-pulizija Dok SD 3 u l-valur tal-hsarat jidhru riflessi f'Dok SD 4 u Dok SD 5;

Illi l-Kunsill konvenut kien gie msejjah inutiliment biex ihallas dawn id-danni tramite ittri interpellatorji Dok SD 6 u Dok SD 7;

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-Kunsill konvenut minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut datata 16 ta' Gunju 2009 fejn ikkontestaw it-talba attrici in vista tal-fatt li:

(1) l-attur hawn jerfa wahdu r-responsabbilita tal-incident in kwistjoni;

(2) li l-ammont mitlub kien ezagerat u;

(3) saret reserva ghall-eccezzjonjiet ulterjuri.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-15 ta' Dicembru 2008.

Ra r-risposta ulterjuri tal-Kunsill Konvenut datata 27 ta' Ottubru 2009 fejn in linea preliminari eccepixxa l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal li jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici stante li ai termini tar-raba skeda ta' l-Att dwar l-Arbitragg (Kap 387) tilwima li torigina minn hsara fuq vettura u ma tinvolviex ukoll hsara fil-persuna u taqa fil-limitu ta' Euro 11,646.87 allura tali gurisdizzjoni tat-tilwima taqa fil-kompetenza esklussiva ta l-Arbitragg.

In vista ta' din ir-risposta ulterjuri li titratta materja ta' natura preliminari, t-Tribunal ordna li l-ewwel tigi trattata u deciza tali eccezzjoni u difatti l-abbli konsulenti legali tal-partijiet ghamlu l-osservazzjonijiet verbali taghhom dwar l-istess qabel ma l-kaz thalla ghas-sentenza fuq ir-risposta ulterjuri.

Ikkunsidra.

Il-konvenut jikkontendi li l-artikolu 1.2b tal-Taqsima A Kap 387 huwa car fejn jistipula li L-Arbitragg ghandu Gurisdizzjoni esklussiva li jiddetermina tilwima li torigina minn hsara nvolontarja fil-proprjeta li tinvolvi vetturi u inoltre ghamel referenza fuq dan il-punt ghal sentenza moghtija minn dan it-Tribunal diversament presjedut fl-ismijiet Thomas Smith noe et vs Mario Borg et avviz numru 775/07 datata 9 ta’ Lulju 2008.

Mill-banda l-ohra l-attur osserva li l-hsara kawzata fuq il-vettura ma gratx minnhabba xi negligenza da parti tas-sewwieq u inoltre ghamel referenza ghal sentenza moghitja mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) datata 29 ta’ Mejju 2009 Rik. Nru. 41/2008 fl-ismijiet Joseph Muscat Prim Ministru et fejn gie dikjarat li l-process tal-arbitragg f’kazijiet ta’ hsara fuq vetturi jmur kontra l-provvedimenti tal-Kostituzzjoni ta Malta u kif ukoll kontra l-Konvenzjoni Europea. F’dan ir-rigward pero it-Tribunal jinnota li ghalkemm huwa minnu li L-Qorti Kostituzzjonali ppronunzjat ruhha b’dan il-mod, l-artikoli rilevanti attakkati f’dik is-sentenza ghadhom sallum *in vigore* peress illi sa issa ma saru ebda emendi in segwitu ghal precitata sentenza. Fl-istess hin pero it-Tribunal jinnota wkoll illi l-Qorti tal-Appell sede inferjuri ma qablitx ma l-argument imressaq sew mill-konvenut f’din il-kawza u kif ukoll b’mod partikolari fis-sentenza minnu citata. Fis-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti tal-Appell fl-ismijiet Middlesea Insurance plc vs Gevimida Limited datata 23 ta’ Ottubru 2009, Hija qalet li l-procedura tal-Arbitragg hija ristretta biss ghal hsara kagonata bl-intervent ta’ vettura u mhux hsara li tista ssehh fuq vettura hi x’inhi l-fonti taghha. Tissokta tghid l-istess sentenza li l-legislatur irriserva b’mod mandatorju lill-Arbitragg dawk il-kazijiet li ghandhom rapport kawzali ma incidenti tat-traffiku li jikkagunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta ta’ terzi b’effett tat-tamponament f’dik l-istess proprjeta minn vettura jew vetturi ko-involti f’dak l-istess incident stradali.

It-Tribunal ghalhekk ma jsibx raguni il-ghala huwa ghandu jiddipartixxi minn din il-linja ta' hsieb espressa mill-Qorti tal-Appell sede Inferjuri.

Ghal dawn il-mottivi it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi fuq l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut fir-risposta ulterjuri tieghu datata 27 ta' Ottubru 2009 dwar l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal ratione materiae billi jirrespingi l-istess eccezzjoni u kwindi jordna l-prosegwiment tal-kaz quddiem dan l-istess Tribunal. Spejjes ta' din id-decizjoni jibqghu riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------